# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 26 ta' Settembru 2023**

Appell numru 129/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Carmelo CALLEJA**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-28 ta' Lulju 2022 fil-konfront ta' Carmelo CALLEJA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 200558M) li ġie mixli talli:

> Talli nhar it-3 u l-4 ta' Frar 2020 u kif ukoll fil-jiem ta' qabel dawn id-dati, f'Malta u fil-Gżejjer Maltin : -

(i) Permezz ta' xi network jew apparat ta' kommunikazzjoni elettronika heddidt li ser tagħmel reat u cioe' kontra Carmena k/a Charmaine Cutajar u Melissa Grech kif ukoll bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra jew biex jagħmel xi gwadann jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra jew biex jimmalafama lil dik il-persuna u ċjoe' Carmena k/a Charmaine Calleja u Melissa Grech kif ukoll għamilt użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Att biex Jirregola Kommunikazzjoni Elettroniċi – Att 399 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Fl-istess dati, ħin, postijiet u ċirkostanzi għamel lil Carmena k/a Charmaine Calleja u Melissa Grech inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iii) Fl-istess dati ħin u postijiet u ċ irkostanzi, persuna mingħajr awtorizzazzjoni uża computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor jew tuża', tikkopja, jew timmodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew ipprevenejt jew ostakolajt d-dħul għal xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew ippervjenejt jew ostakolajt l-funzjonament jew tħaddim ta' xi sistema ta' computer, software, jew l-integrita' jew affidabilita' ta' xi data kif ukoll fixkel jew interrompa l-funzjonament ta' sistemza informatika billi daħħal data fil-computer billi ttrasmetta, għamel ħsara, ħassar, iddeterjora, biddel jew żamm lura d-data bħal din jew billi rrenda inaċċessibbli kif ukoll użajt l-kodiċi ta' dħul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' persuna oħra f'xi computer jew b'xi mod tikser kwalunkwe miżura ta' sigurta' sabiex takkwista aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha kif ukoll installa, neħħa, biddel, għamel ħsara, ħassar, iddeterjora, rażżan, qered, varja jew żied ma' xi data bħal din inaċċessibbli u dan bi ksur tal-Artikolu 337C(1)(a)(d)(e)(ee)(g)(i) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lil Carmelo CALLEJA ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u dan wara li rat l-Artikoli 337Ċ(1)(a)(d)(e)(i)(2), 337F(1) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(a)(ċ) tal-Kapitolu 339 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li rat ukoll l-artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kkundannatu multa ta' tliet elef euro (€3000).

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi CALLEJA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tilqa' dan l-appell billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minn kull

ħtija u piena jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tvarja s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ u dan wara li stqarr (in suċċint):

(i) Dwar l-użu mhux dovut tal-computer l-ewwel Qorti ma qiesitx li l-appellant kien ukoll persuna awtorizzata biex tuża' l-facebook account mertu tal-proċeduri odjerni. Illi fl-umli opinoni tal-appellant il-Qorti naqset milli tagħti piż għall-fatt li ma kienx hemm l-ebda prova plawsibbli li tistabbilixxi li l-akkużat ma kienx ukoll persuna awtorizzata biex tuża' l-facebook account u għalhekk konsegwentement l-akkużi miġjuba kontrih ma jissussistux. Mill-provi prodotti u minn dak anke konfermat mill-parte ċivile stess jirriżulta li nħoloq facebook account għall-familja kollha. Di fatti l-facebook account kien inħoloq minn iben l-imputat biex jintuża mill-familja kollha u l-username u l-password kienu aċċessibbli għal kulħadd. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-istess username u password baqgħu ma nbidlux minn ħadd mill-partijiet inluż wara li l-parijiet temmew ir-relazzjoni tagħhom u l-parte ċivile allontanat ruħa mir-residenza tal-appellant. L-appellant ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti għax filwaqt li hu fatt li iben l-imputat waqt ix-xhieda tiegħu qal li hu ma baqax juża' dan il-facebook account wara li kiber u ħoloq facebook account personali tiegħu dan ma jfissirx li dak li qabel kien aċċessibbli u għall-użu tal-familja sar unikament aċċessibbli u għall-użu esklussiv tal-parte ċivile. Il-Qorti ġġustifikat dan ir-raġunament ai termini tal-Artikolu 337C(2)(a) iżda dan l-artikolu hu kwalifikat a bażi ta' persuna intitolata. Imkien fl-atti ta' dawn il-proċeduri ma nġiebet il-prova li l-imputat ma kienx il-persuna intitolata sabiex juża dan il-facebook account anzi mill-provi prodotti jirriżulta bil-kontra. L-appellant għamel referenza għall-appell Il-Pulizija vs Therese Attard Flores fejn irriżultat sitwazzjoni simili għal każ in diżamina bid-differenza li l-password hemm flok kienet miktuba f'diary kienet miżmuma fuq laptop komuni u allura il-pussess tal-akkużata.

(ii) B. Dwar l-awtorizzazzjoni taħt paragrafu a) tal-Artikolu 337C(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ewwel qorti ma qisitx il-fatti tal-każ u l-provi mressqa mid-difiża. Dan it-tieni aggravju qed jingħad mingħajr preġudizzju għal ta' qablu. L-ewwel Qorti qalet li l-paragrafu a tal-Artikolu 337C(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiffaċilita l-prova tan-nuqqas ta' awtorizzazzjoni meta jipprovdi li persuna titqies li taġixxi mingħajr awtorizzazzjoni jekk ma tkunx debitament awtorizzata minn persuna intitolata. Huwa fatt indisputat li l-użu tal-facebook jinsab intrinsikament marbut mal-passwords u allura l-aċċessibilita' tal-passwords jrendi l-użu ta' dan il-mezz soċjali bħala wieħed possibbli. Il-fatt li dawn il-passwords ikunu aċċessibbli u baqgħu aċċessibbli lil hinn mill-fatt jekk l-accounts kienx jgħajjat il-parte ċivile jew le, l-użu tiegħu huwa awtorizzat sakemm il-

passwords għadhom aċċessibbli. Dak minnu nnifsu huwa awtorizzazzjoni.

(iii) C.Il-Qorti naqset li tikkunsidra li f'dan il-każ mkien ma nġiebet 'the best possible evidence' sal-livell meħtieġ għas-sejbien tal-ħtija fil-kamp kriminali biex ikkonkludiet li kien l-imputat u ħadd ħliefu li kkommetta dan ir-reat. Dan qed jingħad bla preġudizzju għall-ewwel żewġ aggravji. L-esponent huwa tal-fehma li 'the best evidence' biex setgħet tinstab fil-konfront tiegħu kellha tikkonsisti billi jiġu elevati l-laptops u jew computers konċernati sabiex jiġi asserit minn kien qed jibgħat il-messaġġi li kienu inkriminanti u fuq kollox biex jiġi stabbilt mingħajr ebda dubju li l-laptop kien qed jintuża mill-akkużat. Il-Qorti straħet biss fuq id-depożizzjonijiet tal-parte ċivile u l-messaġġi li kienu pprovduti u mmarkati sabiex jipprovdu d-differenza bejn il-messaġġi riċevuti u dawk mibgħuta. Minħabba l-fatt li ma ġewx elevati l-laptops u ma saritx l-analiżi tagħhom il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li l-imsemmi messaġġi nġurjużi ntbgħatu mill-imputat jekk bħala stat ta' fatt il-passwords kienu aċċessibbli minn tla-inqas tlett persuni. L-istess jgħodd għa-sejbien ta' ħtija taħt l-Artikolu 337C(1)(d)(e) u (ee) fejn hawnhekk ukoll il-Qorti konsistentement straħet fuq dak li qalet il-parte civile biss, tant li l-Qorti stess tammettti li mhemmx provi konsistenti iżda minkejja dan xorta imbagħad sabet ħati lill-imputat.

(iv) Il-piena erogata mill-ewwel Qorti hija eċċessiva meta tikkonsidra li l-akkużat għandu fedina penali netta. Fid-dawl tas-suespost l-multa nflitta hija sproporzjonata, eċċessiva u timmerita temperament.

## D. IL- PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni. Ir-rwol tagħha huwa li tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta din tkun għamlet apprezzament korrett tal-provi li jkunu inġiebu quddiemha. Dwar l-irwol ta' din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal hekk:

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Għalhekk bħala regola[2] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-Liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-Liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[3]

6. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li:

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.
[3] U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali.

provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, **<u>anke jekk in bażi tal-istess provi din il-Qorti setgħet tasal għal konklużjonijiet differenti</u>**, din il-Qorti xorta ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, u waslet għal konklużjoni jew waħda mill-konklużjonijiet li hija setgħet legalment u raġonevolment tasal għalihom in bażi għall-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha u allura tkun waslet għal konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet korretta jew waħda mill-konklużjonijiet korretti li setgħet tasal għalihom, din il-Qorti ma tkunx tista tibdel dik il-konklużjoni sempliċiment għaliex ma tkunx taqbel magħha għax kienet konklużjoni differenti minn dik li din il-Qorti kienet tasal għaliha li kieku kienet qed tiddeċiedi hi l-każ.

7. Apparti minn hekk il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Biex il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiġi mibdula fl-istadju tal-appell, din il-Qorti trid tkun konvinta li, in bażi għall-provi u l-argumenti legali li tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti ma tkunx setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet in kwantu bħala riżultat ta' dawk il-provi il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tkun dik jew waħda minn dawk li tkun waslet għalihom. Dan allura jfisser li biex din il-Qorti tkun tista' tirrevedi jew tibdel dik il-konklużjoni jkun irid jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun b'xi mod żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha. Huwa frott ta' dan l-iżball li jkun sar mill-Qorti tal-Maġistrati li allura jagħti lok lil din il-Qorti tqis li ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet li jkunu ġew milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. F'dak il-każ allura ma jkunx jista' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati tkun setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha biex b'hekk, din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali u allura qorti ta' reviżjoni jkollha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

---

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta'

8. Din il-Qorti trid allura tara jekk u safejn dawn il-provi li jkunu prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jkunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. Allura trid tistħarreġ kemm dak il-provi jkunu legalment ammissibbli kif ukoll sostantivament rilevanti.

9. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

10. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li bħala regola għandha tinġieb il-prova l-iktar sħiħa u sodisfaċenti li l-każ ikun jagħti kif ukoll li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, jekk ix-xiehda tiegħu tiġi emnuta minn min ikun irid jiġġudika l-każ, allura din ix-xiehda titqies li tkun biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ikun ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Għalhekk huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss. Dan il-prinċipju ġie konfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati iddeċidew fil-passat.[5]

11. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-**best evidence rule**, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-**

Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[5] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

**Repubblika ta’ Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

12. Illi allura l-aħjar prova u l-prova l-iżjed sħiħa bħala regola tmur lil hinn minn prova li tkun milquta mir-regola tal-esklużjoni tal-**hearsay evidence**. Fil-fatt din ir-regola tiġi applikata fil-kamp penali Malti b’manjiera partikolari. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta’ Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw **il-hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta’ Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta’ xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista’ jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista’, ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista’ ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista’, skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista’ jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort’oħra, l-aktar f’każijiet ta’ twelid, ta’ żwieġ, ta’ mewt, ta’ assenza, ta’ servitù, ta’ rjieħ ta’immobbli, ta’ pussess, ta’ drawwiet, ta’ ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta’reputazzjoni jew ta’ fama, ta’ kliem jew fatti ta’ nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta’ fatti oħra ta’ interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

13. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta’ Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b’dan il-mod:

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta’ dan l-artikolu jgħid hekk:
> ‘599. Il-qorti tista’, skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza

sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

14. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

15. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu

ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

16. Huwa għalhekk li qabel xejn allura l-provi fi proċedimenti kriminali trid tkun l-aħjar prova u l-prova l-iżjed sħiħa. Biss dan ma jfissirx li f'ċerti każijiet dawn il-provi ma jistgħux iwasslu għal xi konflitt fil-provi prodotti. Kif gie ritenut fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[6]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

17. L-għan li titressaq l-aħjar prova u dik l-aktar sħiha huwa li kemm jista' jkun fil-proċess kriminali toħroġ il-verita storika. Iżda din hija l-ikbar sfida li jkollhom dawn il-Qrati minħabba li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal li tiġi skoperta dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb tiegħu. Minħabba f'hekk jeżisti r-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx id-don li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. U l-Qrati huma marbuta li fid-deċiżjonijiet tagħhom jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom.

18. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija mnisla mis-sistema Ingliż fejn persuna akkużata tista' tiġi misjuba ħatja biss meta fil-każ tagħha tkun inġiebet l-aħjar prova u dik l-aktar sħiħa u li bis-saħħa tagħha l-ħtija ta' dik il-persuna tkun ġiet pruvata **<u>lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni</u>**. Biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi Maltija teħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ssib akkużat ħati din trid tkun ċerta - lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni - "sure" fis-sistema Legali Ingliż,[7] li l-każ ikun seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni. Dan huwa l-livell ta' konvinċiment meħtieġ mill-Liġi biex tinstab ħtija; livell ta' konvinċiment li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Għalhekk biex tkun tista' tinstab ħtija fl-akkużat il-grad ta' suffiċjenza probatorja trid twassal lil min irid jiġġudika l-fatti

[6] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

[7] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

li jħossu ċert, "sure", mill-ħtija tal-akkużat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

19. Fil-każ Ingliż **Majid**,[8] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

20. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[9] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

21. Il-livell ta' konvinċiment fil-livell ta' "sure" mhux ġdid għas-sistema Penali Malti fejn saħansitra l-Imħallef William Harding fis-sentenzi tiegħu kien jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tal-konvinċiment sal-grad <u>**tas-sikurezza**</u>. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiż mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal <u>**b'sikurezza**</u> għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat ta' ħtija tal-imputat biex b'hekk ġja mill-1957 dik il-Qorti kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mal-grad ta' konvinċiment lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll anke illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

22. Livell ta' konvinċiment inqas minn dak tas-sikurezza huwa l-livell tal-bilanċ tal-probabbilitajiet. Dan huwa l-livell ta' konvinċiment li huwa meħtieġ li jintlaħaq mid-Difiża fil-każ li din tagħżel li tressaq prova jew argument favur l-akkużat. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, b'mod li minħabba f'hekk Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma jkollhiex dik is-sikurezza fil-ħtija tal-akkużat, allura f'dak il-każ, dik il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat u għandha tgħaddi sentenza

[8] ibid.
[9] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

li l-akkużat ma jkunx ħati. U huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija konvinċiment lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

23. Issa l-Liġi tafda primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi u l-ġudizzju dwar jekk l-imputat huwa ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, in kwantu tkun il-Qorti ta' ġurisdizzjoni dwar il-meritu tal-każ partikolari, tkun fl-aħjar qagħda li tqis u tevalwa l-provi kollha għaliex, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Dik il-Qorti hija fdata bl-irwol li tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li bħala regola din il-Qorti – in kwantu hija Qorti ta' reviżjoni – ma jkollhiex l-opportunita li tagħmel.

24. U minn dan joħroġ kemm huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi, apprezzament tax-xiehda u l-eventwali deċiżjoni fil-meritu dwar il-ħtija tal-imputat f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. U huwa għalhekk ukoll li dan l-eżerċizzju li jsir minn dik il-Qorti fih responsabilita kbira; u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, b'mod li allura dak l-eżerċizzju ta' analiżi u skrutinju ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq. Kif spjegat iżjed il-fuq jiġi disturbat meta din il-Qorti ta' reviżjoni tara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx waħda minn dawk li legalment u raġonevolment setgħet tasal għalihom.

25. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn dik il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

26. Biex tagħlaq fuq dan il-punt, din il-Qorti tirreferi għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiż nhar is-7 ta' Marzu 2002 fejn dwar l-irwol aħħari ta' din il-Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni tas-sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati intqal li:

> F'dan l-ezercizzju pero' din il-Qorti ser issegwi l-insenjament ta' din il-Qorti diversament preseduta u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali minn appelli mill-Qorti Kriminali u cioe' li il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhux li terga taghmel gudizzju mill-gdid fuq il-kaz partikolarment ghal dak li jirrigwarda il valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, imma biss li tillimita ruha li tara jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hix "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bazi tar-rizultanzi fil-prim'istanza. Mhux bizzejjed li din il-Qorti jista' jkollha opinjoni differenti mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrizulta mill-provi, ghax, jekk l-ewwel Qorti setghet ukoll xorta wahda tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha fuq il provi li kienu quddiemha, mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li tissostiwixxi tali decizjoni bid-decizjoni taghha.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

27. Illi nhar l-4 ta' Frar 2020 Carmena Calleja irrapurtat l-Għassa ta' Ħal Luqa li xi ħadd kien iħħekjalha l-'facebook account' tagħha. Calleja stqarret li fit-3 ta' Frar 2020 għal ħabta ta' xi 2130 waqt li hija kienet qiegħda d-dar tagħha u ppruvat tidħol fuq il-'facebook' tagħha, ma setgħetx teċċedi għalih u l-'Facebook' beda jitlobha biex iddaħħal il-'password' iżda mbagħad ma bediex jaċċetta dik l-istess 'password' li hija kienet tuża. Hija kompliet tgħid li min iħħekjalha l-'Facebook' beda juża' anki l-'messenger' tagħha u beda jibgħat messaġġi vulgari lill-partner tagħha Melissa Grech. Meta mistoqsija mill-Pulizija, Carmen Calleja stqarret li hija kellha xi suspetti f'min seta' kien li kien qiegħed jibgħat dawk il-messaġġi vulgari u theddid.

28. Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija, li għamlu wkoll kuntatt ma' 'Facebook', irriżulta li min kien qiegħed jibgħat dawk il-messaġġi kien qiegħed juża' IP address minn indirizz 'Dajna House', 16, Misraħ Il-Bjar, Żejtun liema indirizz kien irreġistrat fuq ċertu Carmelo CALLEJA, li kien l-ex raġel tal-kwerelanta u l-appellant.

29. Il-Pulizija bgħatet tkellem lil Carmelo CALLEJA fejn dan min-naħa tiegħu għażel li jitkellem ma' avukat tal-fiduċja tiegħu u qal lill-Pulizija li ma kien jaf xejn fuq dak li kienu qiegħdin jistaqsuh. Qalilhom ukoll li ġieli jinsa' l-'password' u ma jkunx jista' jeċċedi għall-'facebook' u li bħalissa kien qiegħed taħt kura medika għaliex kien qiegħed jinsa'. Qal li l-internet tad-dar hu biss jużah u t-tifel tiegħu. Carmelo CALLEJA ġie avżat li kienu sejrin jittieħdu proċeduri kontra tiegħu minħabba dan l-inċident. Fil-25 ta' Ġunju 2020 CALLEJA tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

## Ikkunsidrat

30. Illi l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravju sejrin jitqiesu flimkien in kwantu lkoll jitrattaw is-sejbien ta' ħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) dwar ir-raba' imputazzjoni li hija bażata fuq l-Artikolu 337Ċ(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali.

31. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabitu ħati ai termini tas-subinċiżi (a) (d) (e) u (i) tal-Artikolu 337Ċ(1) liema dispożizzjonijiet tal-Liġi jaqraw bil-mod segwenti:

> 337Ċ. (1) Persuna li **mingħajr awtorizzazzjoni**[10] tagħmel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu –
>
> (a)tuża computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew tuża, tikkopja jew timmodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk
>
> (d)tipprevjeni jew tostakola d-dħul għal xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ;
>
> (e) tipprevjeni jew tostakola l-funzjonament jew t-tħaddim ta' xi sistema ta' computer, software jew l-integrità jew affidabilità ta' xi data;
>
> (i)tuża l-kodiċi ta' dħul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'computer jew b'xi mod tikser kwalunkwe miżura ta'sigurtà sabiex takkwista aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha;

---

[10] Enfasi miżjuda.

32. L-Artikolu 337Ċ(2) tal-Kodiċi Kriminali jiddefinixxi u jiċċirkosrivi l-iskop ta' applikazzjoni tal-Artikolu 337Ċ(1) għal dawk il-persuni li jaġixxu fit-twettiq tal-atti materjali msemmija fis-subinċiż numru wieħed **<u>mingħajr awtorizzazzjoni</u>** in kwantu ma jkunux meqjusa bħala **<u>l-persuna intitolata.</u>**

33. L-appellant iħossu aggravat mill-interpretazzjoni illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) addottat għall-frażijiet 'mingħajr awtorizzazzjoni' u 'persuna intitolata.'

34. Skont l-Artikolu 337Ċ(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali persuna hija meqjusa li taġixxi mingħajr awtorizzazzjoni meta <u>ma tkunx debitament awtorizzata mill-persuna intitolata</u> li twettaq l-azzjonijiet imsemmija fis-subinċiż numru wieħed. Fis-subinċiż 2(b) 'persuna intitolata' hija definita bħala dik il-persuna li jkollha l-jedd li tikkontrolla l-attivitajiet kif imfissra fis-subinċiż wieħed tal-Artikolu 337Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali.

35. Imbagħad l-Artikolu 337F(6) tal-Kodiċi Kriminali jispostja l-oneru tal-prova tal-fatt fuq l-imputat sabiex dan, tal-inqas sal-livell tal-probabli u b'korraborazzjoni ma provi oħra ammissibbli, jipprova li huwa kien fil-pussess tad-debita awtorizzazzjoni sabiex iwettaq xi wieħed jew iktar minn dawk l-atti materjali elenkati fl-Artikolu 337Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali:

> Il-prosekuzzjoni ma tkunx meħtieġa li ġġib provi biex twaqqa' l-effett ta' xi awtorizzazzjoni meħtieġa taħt dan is-Sub-titolu u l-oneru li tinġieb prova dwar awtorizzazzjoni bħal dik ikun jinkombi fuq il-persuna li tkun qed tallega li għandha dik l-awtorizzazzjoni:
>
> Iżda dan l-oneru ma għandux jitqies bħala li jkun tneħħa biss bix-xiehda mhux korroborata tal-persuna akkużata.

36. Biex persuna tkun tenuta passibbli bi ksur ta' din il-Liġi, u sabiex jirriżulta integrat ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 337Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali irid jirriżulta li xi wieħed jew iktar minn dawk l-atti materjali msemmija fl-ewwel subinċiż jew kommessi minn persuna li ma kinitx awtorizzata illi twettaq dak l-att materjali mill-persuna li kellha kontroll fuq it-twettiq tal-istess u li dan ġie mwettaq intenzjonalment. U din l-awtorizzazzjoni jeħtieġ li tingħata mill-persuna intitolata kemm fir-rigward tal-eżerċizzju tal-aċċess għas-sistema utilizzata kif ukoll għal-użu li jsir minnha u mill-informazzjoni hemmhekk kontenuta. Tant hu hekk li dan ir-reat jitqies li huwa integrat anki jekk għad li l-ħati jkollu dritt ta' aċċess għal dik is-

sistema komputerizzata, ikun aġixxa b'mod li jeċċedi tali awtorizzazzjoni bħal meta jieħu/juża' xi informazzjoni oħra minn ġewwa l-apparat jew is-sistema li ma jkunx awtorizzat illi jieħu/jaqra/juża'. Ukoll, jingħad li l-limiti tal-awtorizzazzjoni jistgħu jkunu ċirkoskritti bi ftehim espress mal-persuna intitolata daqskemm jistgħu wkoll f'ċerti ċirkostanzi jkunu preżunti jew dettati mir-regoli tal-buon sens. It-tifsira tal-kunċett legali tal-"awtorizzazzjoni" allura trid tiġi kontestwalizzata skont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-persuni involuti u s-sistemi informatiċi mħaddma.

37. F'dan ir-rigward fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Jeanelle Grima**[11] ġie ritenut:

> Cio' nonostante pero' l-ligi dwar computer misuse ma gietx promulgata bhala ligi separata kif hemm f'diversi pajjizi Ewropej izda integrata fil-kodici penali u ghalhekk il-ligi dwar computer misuse taghmel referenza biss ghal certi istanzi ta' uzu hazin tal-kompjuter fejn ir-reati tradizzjonali li jistghu jigu kommessi bl-uzu ta' kompjuter gew imwarrba.
>
> ...Huwa difficli hafna li tinghata definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi uzu hazin ta' kompjuter ghaliex kwalsiasi definizzjoni li tinghata trid ikollha tibdil kontinwu peress li t-teknologija li tintuza ghal kreazzjoni ta' reat fuq kompjuter tinbidel fi zmien qasir.
>
> Peress illi din il-ligi hija modellata fuq il-ligi Ingliza maghrufa bhala Computer Misuse Act 1990 jkun utli li din il-Qorti tara jekk f'dik il-ligi nghatatx tifsira propizja. Fl-Artikolu 1 tal-Ligi Ingliza nsibu li l-access irid ikun mhux awtorizzat sabiex ikun hemm reat ta' computer misuse. Richard Card fil-ktieb tieghu intitolat 'Criminal Law' jghid li dan ghandu jkun "Access of any kind by a person is unauthorised if he is not entitled to control access of the kind in question to the program or data and he does not have access of the kind in question to the program or data and he does not have consent to such access from any person who is so entitled."
>
> Blackstone fil-ktieb tieghu intitolat Criminal Practice jiddiskrivi dan l-unauthorised access billi jipprovdi is-segwenti: "Access of any kind by any person to any program or data held in a computer is unauthorised if (a) he is not himself entitled to control access of the kind in question to the program or data and (b) He does not have consent to access by him of the kind in question to the program or data from any peson who is so entitled".
>
> Infatti fil-ktieb intitolat Computer Law ippublikat minn Reed u Angel b'referenza ghal Computer Misuse Act tar-Renju Unit, jinghad hekk: "First, there must be 'intent to secure access to any program or data held in any computer. . . . Second, the person must know at the time that he commits

[11] Deċiża nhar is-26 ta' Ġunju 2019

the actus reus that the access he intends to secure is unauthorised. The intent does not have to be directed at any particular program."

38. Il-kunċett ta' 'computer misuse' taħt il-Liġi Ingliża u dik Amerikana isib xebħ mar-reat ta' 'użu ta' komputer mhux awtorizzat' fil-Liġi Maltija, għalkemm il-Liġi Maltija hija ispirata minn diversi sorsi tant li la hi identika għal dik Ingliża u l-anqas għal dik Amerikana. Il-Liġi Maltija hija miktuba b'mod aktar wiesa' billi tipprovdi mhux biss għal atti ta' *hacking* minn persuni minn barra organizzazzjoni - *outside hackers* - iżda wkoll fiha l-ingredjenti ta' *computer fraud* minn dawk riferiti bħala *inside hackers* b'dak li s-sentenza **Grima** msemmija iżjed il-fuq issejjah bħala: "unauthorised use of authorised access". B'hekk tkun tirrizulta l-ħtija meta l-awtur tar-reat jikseb aċċess sabiex jottjeni informazzjoni kunfidenzjali għal użu ħażin jew skopijiet mhux leġittimi. Iżda fis-sistema Ingliż, il-kliem tal-Liġi għalkemm jixbaħ lil dak Malti, huwa ffukat l-iżjed fuq il-kunċett tal-aċċess mhux awtorizzat għal informazzjoni kontenuta f'computer.

39. Bosta drabi jagħti l-każ li persuna intitolata, f'kuntest fattwali partikolari, tkun tat l-awtorizzazzjoni tagħha lil persuna oħra sabiex din tal-aħħar ikollha aċċess għal *hardware* jew *software* partikolari. X'tip ta' awtorizzazzjoni u aċċess ikun ingħata jiddependi minn każ għal każ. Jekk dik l-awtorizzazzjoni jew aċċess ikunux ġenerali jew speċifiċi jiddependi minn dak li l-persuna intitolata tkun disposta li tikkonċedi. Ġieli jagħti l-każ li persuna li jkollha aċċess awtorizzat tispiċċa tagħmel użu minn computer jew data li ma jkunx awtorizzat, jew inkella użu li jeċċedi dak l-aċċess li jkun ġie awtorizzat mill-persuna intitolata. Dan jista' jkun sar b'abbuż mill-persuna awtorizzata meta din tmur kontra jew lil hinn mil-limiti tal-awtorizzazzjoni preskritti u ffissati lilha mill-persuna intitolata.

40. Kunċetti li huma simili, sa ċertu punt, għal dawk Maltin, jinsabu wkoll fil-*Computer Fraud and Abuse Act* fl-Istati Uniti tal-Amerika.[12] F'artiklu pubblikat fl-American Business Law Journal ta' Novembru 2012, intitolat : *Exceeding Authorized Access in the Workplace: Prosecuting Disloyal Conduct Under the Computer Fraud and Abuse Act*, il-Professuri Stephanie M. Greene u Christine Neylon O'Brien jargumentaw li:

> While this language was largely intended to prohibit both external and internal hacking, both employers and prosecutors have argued, and some courts have agreed, that this language also prohibits conduct such as violating a computer use policy or other employment agreement...

[12] Pub. L. No. 99-474, 100 Stat. 1213 (1986).

Thus numerous cases involving misappropriation of confidential information have been brought under the CFAA11. In such cases, employers typically allege that an employee has acted "without authorization" or has "exceeded authorized access" by breaching an employment policy or a contract that includes a confidentiality or noncompete agreement. Increasingly, the Department of Justice has also sought to use the CFAA to prosecute crimes involving employees who violate employment policies or agreements. The CFAA not only has the advantage of conferring federal jurisdiction, but the statute's minimal requirements may make it easier for an employer or the government to make its case. As the number of such cases has grown, the courts have struggled to determine the extent to which the CFAA is an appropriate vehicle for holding disloyal employees accountable in both civil and criminal contexts.

In 2012, the Court of Appeals for the Ninth Circuit issued an en banc decision emphasizing that the CFAA is "an anti-hacking statute" and not "an expansive misappropriation statute." In United States v. Nosal (Nosal IV), the Ninth Circuit held that an employee who misappropriates an employer's confidential information does not "exceed authorized access" within the meaning of the CFAA. The Ninth Circuit was the first of the federal circuit courts of appeal to interpret the CFAA so narrowly. The Court of Appeals for the Fourth Circuit has since agreed with the Ninth Circuit's "narrow and literal" interpretation of the Act.

Other circuit courts of appeal, however, have read the statute more broadly, finding employees guilty or liable under the CFAA for either breach of a confidentiality agreement, an employment policy, or a duty of loyalty, reasoning that such transgressions satisfy the requirement of acting "without authorization" or "exceeding authorized access."

41. Każ riċenti deċiż mil-Qorti Suprema Amerikana huwa **Van Buren vs. United States**.[13] Dan il-każ beda minn "sting operation" kondotta mill-FBI fuq Van Buren. Van Buren kien uffiċjal tal-Pulizija fl-Istat ta' Georgia u kien ġie avviċinat minn terza persuna sabiex jottjenilha informazzjoni mill-Georgia Crime Information Center database. Van Buren kien awtorizzat li jaċċedi għal din id-database għal għanijiet ta' infurzar tal-Liġi (law enforcement purposes). Van Buren daħal f'din id-database u ipprovda l-informazzjoni rikjesta minn din it-terza persuna. Imbagħad ġie arrestat mill-FBI fuq il-bażi li huwa kiser id-disposizzjonijiet tas-CFAA u reati oħra.

42. F'dan il-każ Van Buren kellu aċċess awtorizzat għal din id-database, iżda ġie meqjus li huwa eċċeda l-limiti ta' din l-awtorizzazzjoni meta huwa aċċeda din id-database biex jipprovdi

[13] https://www.supremecourt.gov/opinions/20pdf/19-783_k53l.pdf.

informazzjoni lil dik it-terza persuna li kienet informant tal-FBI – u dan peress li dan l-aċċess u għoti ta' din l-informazzjoni ma kienx jinkwadra fl-iskop ta' *law enforcement purposes* li huwa kellu. L-Eleventh Circuit ikkonfermat is-sejbien ta' ħtija ta' Van Buren fuq il-ksur tas-CFAA wara li ċaħdet l-argument li huwa ma kienx ħati ta' *computer fraud* minħabba li huwa kien aċċeda biss għal database li kien awtorizzat li jaċċessa għaliha fl-ewwel lok.

43. Il-kliem tal-Liġi rilevanti Amerikana f'dan il-qasam kienet is-segwenti:

> The Act subjects to criminal liability anyone who "intentionally accesses a computer without authorization or exceeds authorized access," and thereby obtains computer information. 18 U. S. C. §1030(a)(2). It defines the term "exceeds authorized access" to mean "to access a computer with authorization and to use such access to obtain or alter information in the computer that the accesser is not entitled so to obtain or alter." §1030(e)(6).[14]

44. Dwar dan il-każ u l-implikazzjonijiet tiegħu ġie miktub artiklu mid-Ditta Legali Crowell and Moring[15] fejn ġie mistqarr is-segwenti:

> On April 20, 2020, the Supreme Court granted cert in Van Buren v. United States, to resolve an important circuit split over the meaning of "authorized access" under the Computer Fraud and Abuse Act (CFAA). This is the Court's first foray into analyzing the precise contours of CFAA liability. Van Buren may have far-reaching implications for any individual or business operating in the digital domain, as the scope of civil and criminal liability under the CFAA can impact just about any sort of relationship involving access to computer systems, whether it be employer-employee relationships or third-party relationships.
>
> The CFAA was enacted in 1986 as a first-of-its-kind statute designed to combat computer-related crimes, and has become an important and powerful tool for not only for the government but any business seeking to protect its intellectual property and computer systems. The CFAA imposes criminal liability on any person who "intentionally accesses a computer without authorization" or "exceeds authorized access" and, in doing so, obtains information from any protected computer. The CFAA also provides

[14] idem
[15] https://www.crowell.com/NewsEvents/AlertsNewsletters/all/Authorized-Access-The-Supreme-Courts-First-Foray-Into-The-Computer-Fraud-And-Abuse-Act.

a civil cause of action for similar conduct. See 18 U.S.C. §§ 1030(a)(2), 1030(a)(4), 1030(a)(5)(B)-(C).

The term “without authorization” is undefined, but the CFAA defines “exceeds authorized access” as “access[ing] a computer with authorization and [using] such access to obtain or alter information in the computer that the accessor is not entitled to obtain or alter.” 18 U.S.C. § 1030(e)(6). As can be expected, there has been extensive litigation over the interpretation of “without authorization” and “exceeds authorized access.” This has led to a circuit split on what type of conduct actually constitutes a CFAA violation. In particular, courts have grappled with whether the language of the CFAA places the focus on how the individual accessed the information, rather than how or under what circumstances the individual used the information.

For example, the First, Fifth, Seventh, and Eleventh Circuits broadly interpret “exceeding authorized access” to include using information on a computer in violation of a confidentiality agreement, or accessing information on a computer for a purpose prohibited by an employer. Specifically, the Eleventh Circuit has held that a defendant “exceeded his authorized access” under the CFAA by improperly using information that he was authorized to access. U.S. v. Rodriguez, 628 F.3d 1258 (11th Cir. 2010). In Rodriguez, a former employee of the Social Security Administration accessed the personal records of 17 different individuals for nonbusiness reasons while employed by the SSA. Id. There is no dispute that he was authorized to access those personal records. Id. However, the Eleventh Circuit held that the defendant “exceeded his authorized access and violated the [CFAA] when he obtained personal information for a nonbusiness reason” in violation of an established SSA policy. Id; see also Int’l Airport Ctrs., LLC v. Citrin, 440 F.3d 418 (7th Cir. 2006) (holding that when an employee of a real estate business deleted data regarding potential acquisition properties from his company laptop, the destruction of information breached the defendant’s duty of loyalty and therefore terminated the employee’s authorization to access the computer).

In contrast, the Second, Fourth, and Ninth Circuits have adopted a narrower interpretation of “exceeding authorized access”: liability cannot be imposed on a person with permission to access information on a computer who then uses that information for an improper purpose. In the seminal case U.S. v. Nosal, the Ninth Circuit held that subsequent improper use of information that was acquired by individuals with authorization to access such information is not a CFAA violation. 676 F.3d 854 (9th Cir. 2012). In Nosal, an ex-employee was charged with violating the CFAA on a theory that he induced former colleagues to use legitimate credentials—i.e., authorized credentials—to access the company’s infrastructure and provide the former employee with information. Id. While the ex-employees’ use of the information was clearly improper, the Ninth Circuit refused to extend the

CFAA to this conduct because the accomplices were authorized to access the information, regardless of the subsequent use of that information. See also WEC Carolina Energy Solutions LLC v. Miller, 687 F.3d 199 (4th Cir. 2012) (holding that improper use of information validly accessed did not qualify as “unauthorized access” or “exceeding authorized access” within the meaning of the statute)....

The Eleventh Circuit’s decision recognized that “other courts have rejected Rodriguez’s interpretation of ‘exceeds authorized access’” and invited the Supreme Court to resolve this split. The Supreme Court’s decision will reverberate in the digital domain, in both the context of criminal enforcement of the CFAA and civil liability under that statute. If the Supreme Court adopts the narrower view, then businesses seeking to curb unauthorized use of information by employees and others will have a narrower set of legal tools and must rely on theories apart from the access itself. For example, the federal Defend Trade Secrets Act (DTSA) and state trade secret, tort, trespass and contract law will take on more significance in holding individuals liable for access to and use of the information. If the broader view prevails, then more expansive theories of CFAA enforcement and liability will be available.

45. Fit-3 ta’ Ġunju 2021, is-Supreme Court Amerikana iddeċidiet bil-mod segwenti:

In sum, an individual “exceeds authorized access” when he accesses a computer with authorization but then obtains information located in particular areas of the computer— such as files, folders, or databases— that are off limits to him. The parties agree that Van Buren accessed the law enforcement database system with authorization. The only question is whether Van Buren could use the system to retrieve license-plate information. Both sides agree that he could. Van Buren accordingly did not “excee[d] authorized access” to the database, as the CFAA defines that phrase, even though he obtained information from the database for an improper purpose. We therefore reverse the contrary judgment of the Eleventh Circuit and remand the case for further proceedings consistent with this opinion.

46. Imbagħad rigward il-kunċett tal-eċċess tal-aċċess awtorizzat, fis-sistema Amerikan jintqal ukoll hekk:

Exceeding Authorized Access Several provisions of the CFAA impose criminal liability on a defendant who, among other things, “exceeds authorized access” when accessing a computer. See 18 U.S.C. §§ 1030(a)(1), (a)(2), & (a)(4). The CFAA defines “exceeds authorized access” as “to access a computer with authorization and to use such access to obtain or alter information in the computer that the accesser is not entitled

so to obtain or alter."2 18 U.S.C. § 1030(e)(6). Accordingly, to prove that someone has "exceeded authorized access," prosecutors should be prepared to present evidence showing (a) how the person's authority to obtain or alter information on the computer was limited, rather than absolute, and (b) how the person exceeded those limitations in obtaining or altering information. It is relatively easy to prove that a defendant had only limited authority to access a computer in cases where the defendant's access was limited by restrictions that were memorialized in writing, such as terms of service, a computer access policy, a website notice, or an employment agreement or similar contract. See, e.g., EF Cultural Travel BV v. Zefer Corp., 318 F.3d 58 (1st Cir. 2003) (website notices); Cont'l Group, Inc. v. KW Prop. Mgmt., LLC, 622 F. Supp. 2d 1357, 1372 (S.D. Fla. 2009) (computer access policies); United States v. Drew, 3 259 F.R.D. 449 (C.D. Cal. 2009) (website terms of service); Modis, Inc. v. Bardelli, 531 F. Supp. 2d 314, 319 (D. Conn. 2008) (employment agreement); Hewlett-Packard Co. v. Byd:Sign, Inc., 2007 WL 275476, at *13 (E.D. Tex. 2007) (confidentiality agreement); Am. Online, Inc. v. Nat'l Health Care Discount, Inc., 174 F. Supp. 2d 890, 899 (N.D. Iowa 2001) (email terms of service). In addition, password protection is an implicit (and technological) limit on access for otherwise authorized users who are not given the password. See EF Cultural Travel BV v. Zefer Corp., 318 F.3d 58 (1st Cir. 2003). However, courts have split on the question of whether limits on authorized access can be reasonably inferred from the circumstances in cases where no explicit or implicit restrictions on access existed. Compare EF Cultural Travel BV v. Zefer Corp., 318 F.3d 58 (1st Cir. 2003) (rejecting "reasonable expectations" test for lack of authorization), with United States v. Phillips, 477 F.3d 215, 219 (5th Cir. 2007) ("Courts have . . . typically analyzed the scope of a user's authorization to access a protected computer on the basis of the expected norms of intended use or the nature of the relationship established between the computer owner and the user.").4 The most commonly litigated issue about "exceeding authorized access" in reported opinions is whether a particular defendant exceeded authorized access by accessing the computer for an improper purpose. The cases on this issue are difficult to untangle, but this argument generally arises in one of three contexts: (1) the authorizing party has expressly prohibited the defendant from accessing the computer for the improper purpose; (2) the authorizing party has expressly prohibited the defendant from using the authorizing party's data for the improper purpose but did not condition the defendant's computer access on compliance with this prohibition; and (3) the authorizing party did not expressly prohibit the defendant from using its data for the improper purpose, but the defendant was acting against the authorizing party's interests.

The first category of cases is the least controversial. Because the authorizing party explicitly imposed a purpose-based limitation on the defendant's computer access, a defendant exceeds authorized access when he accesses the computer for an expressly forbidden purpose. *See,*

*e.g.*, *United States v. John*, 597 F.3d 263, 272 (5th Cir. 2010) ("Access to a computer and data that can be obtained from that access may be exceeded if the purposes for which the access has been given are exceeded."); *Cont'l Group, Inc. v. KW Prop. Mgmt., LLC*, 622 F. Supp. 2d 1357, 1372 (S.D. Fla. 2009) (computer access policies stated that computers were provided "for business use" and were "to be used solely for the [authorizing party's] purposes"); *United States v. Salum*, 257 Fed. Appx. 225, 227 (11th Cir. 2007) (officers could access NCIC system only for official business of criminal justice agency); *Register.com, Inc. v. Verio, Inc.*, 126 F. Supp. 2d 238, 242-43, 248 (S.D.N.Y. 2000), *aff'd*, 356 F.3d 393 (2d Cir. 2004) (in order to submit query to website, users must agree not to use responsive data for direct marketing activities); *United States v. Czubinski*, 106 F.3d 1069, 1071 (1st Cir. 1997) ("[IRS] employees may not use any Service computer system for other than official purposes.").

It may be more difficult to prove that a defendant exceeded authorized access in the second category of cases. In these cases, the authorizing party has expressly prohibited the defendant from using the authorizing party's data for certain purposes, but it did not condition the defendant's computer access on compliance with this prohibition. For example, the defendant might have signed a confidentiality agreement in which he agreed not to use the authorizing party's information for personal gain, but the agreement did not specifically prohibit the defendant from accessing the authorizing party's computer for that purpose. In essence, the authorizing party has explicitly limited the defendant's authorization to *use* information that he might find on the computer, but it has not imposed the same purpose-based limitations on the defendant's authorization to *obtain or alter* that information. The CFAA provides that a defendant "exceeds authorized access" when he "obtain[s] or alter[s] information in the computer that [he] is not entitled so to obtain or alter," 18 U.S.C. § 1030(e)(6), but it does not discuss *using* the information in an unauthorized way. Because of this statutory language, several courts have concluded that defendants did not "exceed authorized access" when they were permitted to obtain certain information from the computers, but then used that information for a specifically forbidden purpose. *See, e.g.*, *Brett Senior & Assocs, P.C. v. Fitzgerald*, 2007 WL 2043377, at *4 (E.D. Pa. 2007) (defendant permissibly copied data from computer but then allegedly used data in a way that violated his employment contract); *Int'l Ass'n of Machinists and Aerospace Workers v. Werner-Masuda*, 390 F. Supp. 2d 479, 498-99 (D. Md. 2005) (defendant was authorized to access data on proprietary website but then violated agreement not to use the data for certain purposes). However, at least one circuit has upheld an "exceeding authorized access" claim in this context. *See EF Cultural Travel BV v. Explorica*, 274 F.3d 577, 582-83 (1st Cir. 2001) (defendant exceeded authorized access by disclosing computer data in violation of confidentiality agreement).

The third and final category of "improper purposes" cases is arguably the most controversial. In these cases, the defendant accessed the computer within the limits of his authorization but used the computer for a purpose that was contrary to the implicit interests or intent of the authorizing party. The case law is divided on whether these facts are sufficient to establish that the defendant exceeded authorized access. Some courts have concluded that the improper purpose, without more, establishes that the defendant exceeded authorized access. See, e.g., Motorola, Inc. v. Lemko Corp., 609 F. Supp. 2d 760, 767 (N.D. Ill. 2009) ("Allegations that an employee e-mailed and downloaded confidential information for an improper purpose are sufficient to state a claim that the employee exceeded her authorization."). These cases typically rely on the reasoning set forth in Citrin, 440 F.3d at 420-21, which is discussed in more detail in the previous subsection.[16] However, a number of recent civil cases have rejected the idea that users can exceed authorized access within the meaning of section 1030(e)(6) when they access information that they are authorized to access, even if their access is motivated by an implicitly improper purpose. *See, e.g., LVRC Holdings LLC v. Brekka*, 581 F.3d 1127, 1135 n.7 (9th Cir. 2009) (stating in dicta that defendant does not "exceed authorized access" under the CFAA when he breaches a duty of loyalty to authorizing party); *Bell Aerospace Services, Inc. v. U.S. Aero Services, Inc.*, 690 F. Supp. 2d 1267 (M.D. Ala. 2010); *Orbit One Communications, Inc. v. Numerex Corp.*, 652 F. Supp. 2d 373 (S.D.N.Y. 2010); *National City Bank v. Republic Mortgage Home Loans*, 2010 WL 959925 (W.D. Wash. 2010); *RedMedPar, Inc. v. Allparts Medical, LLC*, 683 F. Supp. 2d 605 (M.D. Tenn. 2010); *U.S. Bioservices Corp. v. Lugo*, 595 F. Supp. 2d 1189, 1192 (D. Kan. 2009) (collecting cases); *Jet One Group, Inc. v. Halcyon Jet Holdings, Inc.*, 2009 WL 2524864, at *5-6 (E.D.N.Y. 2009); *Brett Senior & Assocs, P.C. v. Fitzgerald*, 2007 WL 2043377, at *4 (E.D. Pa. 2007).

47. Kif intqal aktar il-fuq, il-Liġi Maltija hija redatta b'mod kemxejn differenti minn dik Amerikana u dik Ingliża, minkejja l-ispirazzjoni li din tal-aħħar tat lill-Liġi Maltija. Il-Liġi Maltija teżiġi l-awtorizzazzjoni tal-persuna intitolata – iżda l-enfażi tal-Liġi Maltija mhix daqstant il-kwistjoni tal-aċċess għall-kompjuter per se, daqskemm l-awtorizzazzjoni biex jitwetqu ċerti azzjonijiet imsemmija speċifikament fil-Liġi u li jikkostitwixxu reat kriminali fil-każ li dawn isiru mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-persuna intitolata. Filwaqt li l-Liġi ma tiddefinix jew tiddelimita jew tispeċifika kif tista' tingħata l-awtorizzazzjoni, mill-banda l-oħra tispjega meta persuna titqies li aġixxiet mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa. Imbagħad hemm il-kunċett li, kif is-sentenza **Grima** turi, persuna tista' wkoll teċċedi l-limiti tal-awtorizzazzjoni li tkun

[16] https://www.justice.gov/sites/default/files/criminal-ccips/legacy/2015/01/14/ccmanual.pdf

ingħatat billi tagħmel użu mhux awtorizzat ta' informazzjoni li jkollha awtorizzazzjoni għall-aċċess għaliha.

48. Aktar minn hekk hemm imbagħad l-effett tal-artikolu 337F(6) tal-Kodiċi Kriminali fuq il-proċedura penali kollha fejn allura l-oneru li tinġieb prova dwar awtorizzazzjoni bħal dik ikun jinkombi fuq il-persuna li tkun qed tallega li għandha dik l-awtorizzazzjoni: Iżda dan l-oneru ma għandux jitqies bħala li jkun tneħħa biss bix-xiehda mhux korroborata tal-persuna akkużata.

49. Il-Liġi Maltija tippenalizza l-azzjoni ta' kull persuna li **mingħajr awtorizzazzjoni** tal-persuna intitolata tagħmel xi wieħed mill-atti msemmija fl-artikolu 337Ċ tal-Kodiċi Kriminali. Biex persuna tkun tenuta passibbli u responsabbli bi ksur ta' din il-Liġi trid tiġi pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li hija **intenzjonalment** wetqet xi wieħed mill-atti imsemmija f'dan l-artikolu 337Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali **mingħajr awtorizzazzjoni tal-persuna intitolata**. Il-Liġi tqis li l-persuna intitolata trid tkun persuna li jkollha l-jedd li hi innifisha tikkontrolla l-attivitajiet u l-atti mfissra fl-artikolu 337Ċ(1)(a) sa (f) tal-Kodiċi Kriminali.

50. Issa f'dan il-każ jirriżulta li meta l-*account* Facebook, inkluż l-applikazzjoni Messenger ġew kkrejati fis-6 ta' Marzu 2013 dan sar permezz tal-użu tal-indirizz elettroniku callejacharm@gmail.com. Dan l-indirizz elettroniku jindika li kien isejjaħ lill-Charmaine Calleja. Il-partijiet ilkoll qablu li dan il-profil fuq *Facebook* kien ġie krejat mit-tifel tal-appellant, Joseph Calleja; qablu wkoll li dan il-profil kien jintuża' mill-membri tal-familja residenti fir-residenza li ġġib l-indirizz ta' Dajna, Misraħ Il-Bjar, Żejtun. Dawn allura kienu jinkludu lill-Charmaine Calleja daqskemm lill-appellant u t-tifel tal-appellant Joseph. Biss filwaqt li Charmaine Calleja ssostni, f'paġna 26 li dan il-profil kien tagħha u hi kienet tagħti aċċess lill-appellant u lil ibnu, mill-banda l-oħra l-appellant isostni li dan il-profil kien intiż għall-familja tagħhom u allura huwa kellu jedd jaċċedi għalih indipendentement bl-użu tal-password komuni.

51. Jirriżulta wkoll li l-aċċess għal dan il-profil Facebook kien isir permezz ta' passwords li kultant żmien kienu jinbidlu mill-partijiet u li kienu dejjem jinkitbu fuq djarju telefoniku li kien jinżamm fuq il-komputer f'din ir-residenza, u li tali djarju kien aċċessibbli għal kulħadd. Allura f'dan l-isfond ta' provi jidher paċifiku li dan il-kont ma kienx jintuża biss minn Charmaine Calleja, iżda, f'dak il-kuntest

domestiku u familjari partikolari, kien hemm qbil bejn il-partijiet li dak il-profil jintuża wkoll mill-appellant u minn ibnu Joseph.

52. Iżda dan il-profil ma jridx biss jittieħed fl-astratt. Irid jittieħed fil-kuntest li sar fih; u allura mhux biss il-kuntest domestiku partikolari iżda wkoll fl-isfond ta' f'isem min ikun ġie miftuħ. Dan jagħti indikazzjoni dwar il-persuna li tkun qegħda tassumi l-paternita' ta' dak il-profil, għalkemm din mhux bilfors tkun regola assoluta. Għalkemm profil partikolari jkun iġib isem persuna partikolari jew konnotati tagħha u suppost li allura tkun dik il-persuna partikolari li tuża dak il-profil u mhux persuna oħra, mill-banda l-oħra ma jfissirx li, fil-ħajja ta' kuljum, verament dak il-profil ikun jappartjeni lil jew ikun użat biss u esklussivament minn dik il-persuna partikolari. Hekk jirriżulta li ġara f'dan il-każ; almenu fil-bidu tiegħu.

53. Jingħad dan għaliex iżjed tard maż-żmien, kif jirriżulta mix-xhieda kemm ta' Charmaine Calleja kif ukoll ta' iben l-appellant Joseph Calleja, ir-relazzjoni bejn Charmaine Calleja u l-appellant spiċċat u Charmaine Calleja ma baqgħetx iktar fir-relazzjoni intima li kellha mal-appellant, telqet mid-dar li fiha kienu jgħixu bħala familja, u sussegwentement ingħaqdet ma mara oħra u li magħha bdiet relazzjoni. Dan il-fatt allura ġab miegħu ukoll bdil fiċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet nonche biddel ukoll il-kuntest tal-użu tal-istess profil Facebook. Fejn allura meta Charmaine Calleja kienet kuntenta li tuża dan il-profil Facebook reġistrat fuq l-indirizz postali tagħha u li tħalli wkoll lill-appellant u lil ibnu wkoll jaċċedu għalih u jużawh bħala l-profil tal-familja tagħhom, mill-mument li – tajjeb jew ħażin – Charmaine Calleja għażlet li ma tibqax tifforma parti minn dik il-"familja" allura anke l-kuntest tal-użu ta' dak il-profil inbidel bejn il-partijiet.

54. Il-provi juru li minn meta r-relazzjoni bejn Charmaine Calleja u l-appellant spiċċat, l-utenti ta' dak il-profil kienet baqgħet Charmaine Calleja, minkejja li l-kodiċi tad-dħul ta' dan il-profil ma kienx ġie mibdul minnha. F'paġna 143 tax-xhieda tiegħu Joseph Calleja jgħid:

> Difiża: Tiftakar meta is-sinjura Calleja ma baqgħetx tgħix fl-istess residenza tagħkhom?
> Xhud: Meta spiċċat ir-relazzjoni, imma d-data eżatt, jidhrili 2017.
> Difiza: Dak iż-żmien x'ġara minn dan il-Facebook account imbagħad?
> Xhud: Baqgħet qisha tagħmel użu minnu hi, baqa' miftuħ l-account hux.

55. Allura mix-xiehda ta' Joseph Calleja jirriżulta wkoll kemm li dan il-profil Facebook kien baqa' miftuh, kif ukoll li kien baqgħa jiġi użat minn Charmaine Calleja, aktar milli minnu u minn missieru. U din il-Qorti tqis li din id-deposizzjoni hija sinċiera, in kwantu jekk verament dak il-profil oriġinarjament kien ġie miftuh fuq l-indirizz postali tagħha iżda jintuża mill-membri tal-familja Calleja, meta dik il-familja sfaxxat ma kienx iżjed konsoni ma l-iskop oriġinarju previst għall-użu tal-istess profil li anke Joseph Calleja u l-appellant jibqgħu jagħmlu użu minnu.

56. Apparti minn hekk, l-istess xiehda ta' Joseph Calleja li jikkonferma li wara li sfaxxat ir-relazzjoni bejn missieru u Charmaine Calleja kienet din tal-aħħar li baqgħet tagħmel użu minnu tipprova wkoll li fl-aħħar mill-aħħar kienet Charmaine Calleja li kellha l-iżjed rabta ma dan il-profil. Dan il-fatt allura huwa konsoni wkoll mal-posizzjoni li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) rrikonoxxiet fis-sentenza tagħha fis-sens li allura fil-prattika l-persuna intitolata fir-rigward ta' dan il-profil kienet fil-fatt Charmaine Calleja.

57. Ġie pruvat ukoll li f'dan il-profil Facebook kienu bdew jiġu riċevuti ċerti messaġġi minn url link – www.facebook.com/messages/t/charmaine.calleja.56 - li kien abbinat mal-IP addresses bin-numru 46.11.12.144 u 195.158.65.198. Skont ma rriżulta mir-rapport tal-kumpanija GO eżebit f'paġna 96 et seq. tal-atti proċesswali, kienu reġistrati fuq Carmelo Calleja li jgħix ġewwa Diana House 16, Misraħ il-Bjar, Żejtun. Jingħad ukoll li skont ir-rapport li l-Pulizija rċevew mingħand il-kumpanija Facebook, il-messaġġi ddenunċjati minn Charmaine Calleja, dakinhar tal-4 ta' Frar 2020 ntbgħatu minn dawk l-IP addresses li skont il-kumpanija GO kienu reġistrati fuq l-appellant Carmelo CALLEJA.

58. Mhux ikkontestat kif dakinhar li ntbgħatu dawn il-messaġġi, Charmaine Calleja ma kinitx għadha tirrisjedi mal-appellant. L-anqas ma hemm prova li seta' kien it-tifel tal-appellant li għamel użu minn dawk l-IP addresses reġistrati fuq missieru l-appellant sabiex jintbgħatu dawk il-messaġġi. Anzi f'paġna 160 fi kliem Joseph Calleja fix-xhieda tiegħu, huwa ma kienx baqa' juża' dak il-profil Facebook li qabel kien komunement aċċessibbli għall-familja kollha għaliex peress li kien qiegħed jikber kien ħoloq profil Facebook għalih. Kif intqal qabel, bħal Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha, din il-Qorti tqis ix-xiehda ta' Joseph Calleja bħala waħda sinċiera u veritjiera.

59. Imbagħad mix-xiehda ta' Charmaine Calleja jirriżulta li fil-ġranet ta' bejn it-3 u l-4 ta' Frar 2020 hija ma setgħetx taċċedi għal dak il-profil Facebook li allura kienet qegħda tuża. F'paġna 21 tax-xhieda tagħha qalet ukoll li għalkemm dan il-profil Facebook ma bedhiex iħallieha tagħmel 'log in', xorta waħda baqa' jidher li l-istess profil tagħha kien 'online' – fatt li jindika li allura kien għadu attiv u li kien qiegħed jintuża' f'dak il-mument.

60. Dawn il-provi allura jindikaw li f'dawk id-dati partikolari, il-persuna li kellha s-servizz tal-internet reġistrat fuq ir-residenza Diana House 16, Misraħ il-Bjar, Żejtun kien aċċeda għal dak il-kont u bagħat diversi messaġġi. Dak is-servizz kien reġistrat fuq isem l-appellant. Ġie soddisfaċentement pruvat li kemm l-appellant kif ukoll ibnu kien għad kellhom aċċess għall-kodiċi tad-dħul għal dak il-profil Facebook. Iżda Joseph Calleja eskluda li huwa aċċeda għal dak il-profil u dan ġie korroborata mill-istess appellant. Ergo, l-appellant, skont dawn il-provi diretti u ċirkostanzjali sodi u univoċi jibqa' l-unika persuna li setgħet aċċediet għal dak il-profil u għamlet dawk l-azzjonijiet.

61. Għalkemm l-appellant setgħa kellu awtorizzazzjoni mill-*Facebook account holder* li f'dan il-każ, għar-raġunijiet spjegati iżjed il-fuq - irriżultat li kienet Charmaine Calleja – biex jaċċedi għal dak il-profil fil-kuntest familjari li kienu qegħdin jgħixu fih meta kienu għadhom jgħixu fih bħala familja, wara li dik ir-relazzjoni intemmet, il-kuntest u ċ-ċirkostanzi ta' bejniethom inbidlu radikalment, liema tibdiliet jekk mhux espressament imma żgur impliċitament kienu jimportaw ukoll bidla f'dik l-awtorizzazzjoni għal-aċċess għall-dak il-profil reġistrat fuq l-indirizz postali ta' Charmaine Calleja.

62. Kemm Charmaine Calleja ma kienetx baqgħet riedet li tali awtorizzazzjoni tibqa' fis-seħħ huwa wkoll muri mix-xhieda tagħha f'paġna 26 tal-atti proċesswali fejn ittenni b'qawwa kif l-appellant ma kellux dritt li jaċċedi għal dan il-profil ritenut minnha personali tagħha – minkejja li kienet tikkonċedilhom li jużawh meta kienu għadhom jgħixu flimkien.

63. Anki jekk għall-grazzja tal-argument, l-appellant kellu dritt li jaċċedi għal dak il-profil minħabba li fil-passat kien jagħmel dan mingħajr il-ħtieġa li jitlob l-awtorizzazzjoni ta' Charmaine Calleja, il-fatt li nbiddlu tant b'mod radikali ċ-ċirkostanzi ta' bejniethom li huwa ma setgħax raġonevolment jibqa' jirritjeni l-istess jeddijiet ta' aċċess

għall-istess profil ladarba r-relazzjoni ma' Charmaine Calleja kienet spiċċat – anke jekk setgħa kien jemmen li huwa kellu jedd jagħmel dan. Żgur ukoll li l-anqas ma huwa kellu qatt jedd u awtorizzazzjoni li juża dak il-profil b'mod li jintbagħtu dawk it-tip ta' messaġġi li l-Qorti tal-Maġistrati, fis-saġġezza tagħha, ħasset ġustament li ma kienux denji li jiġu miktuba fis-sentenza. Tabilħaqq għajb għal min kitibhom, u hawnhekk il-Qorti mhux qed tgħid għall-appellant biss imma anke lil min kiteb kliem offensiv u iebes fil-konfront tiegħu.

64. Biss il-qalb miġġħuha li setgħa kellu l-appellant ma kienetx tawtorizzah jaċċedi għal dak il-profil u jagħmel l-użu li ġie pruvat li sar f'din il-kawża. Dan ukoll peress li indikazzjoni ċara ta' kif huwa minnu li kienet Charmaine l-persuna li kienet l-utenti waħdanija ta' dan il-profil Facebook mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa wkoll li fiż-żmien tal-allegati reati l-isem tal-profil Facebook kien inbidel minn Charmaine Calleja[17] (nonche' l-isem tal-profil meta dan kien ġie reġistrat u meta kien jintuża' wkoll mill-appellant) għal Charmaine **Grech.**[18]

65. Minbarra dan, il-provi ma jurux li kien hemm xi estremi tali fir-relazzjoni bejn Charmaine Calleja u Melissa Grech b'mod li Charmaine Calleja f'dak iż-żmien u f'dak il-kuntest kienet qatt sejra tawtorizza lil xi ħadd sabiex f'isimha jibgħat dawk il-messaġġi vulgari u oxxeni lil Melissa Grech, is-sieħba tagħha.

66. Huwa għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) waslet għall-konklużjoni illi dawk l-atti materjali li twettqu minn CALLEJA ma sarux bil-kunsens u l-awtorizzazzjoni espliċita jew impliċita tal-persuna intitolata ċjoe' ta' Charmaine Calleja bħala l-utenti ta' dak il-profil Facebook. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tikkonkludi li l-appellant daħal fil-profil Facebook ta' Charmaine Grech wara li kienet spiċċat ir-relazzjoni ta' bejniethom u dan sar mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha; mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha qafel lil Charmaine Calleja 'l barra minnu meta biddel il-kodiċi tad-dħul, u għamel użu minnu f'isem Charmaine Calleja biex jibgħat dawk il-messaġġi li ġew esebiti f'paġna 28 et seq. tal-atti proċesswali.

67. Inoltre, l-appellant ma ġab l-ebda prova kif rikjest ai termini tal-Artikolu 337F(6) tal-Kodiċi Kriminali biex juri li Charmaine Calleja

[17] Ara foljo 98.
[18] Grech jidher illi huwa l-kunjom tal-partner il-ġdida ta' Charmaine, nonche' x-xhud Melissa Grech. Ara wkoll fol 98.

kienet awtorizzatu jaċċedi għall-profil Facebook tagħha u li jagħmel użu minnu kif effettivament għamel.

68. Issa, in kwantu għall-kontenut ta’ dawk il-messaġġi li jinsabu eżebiti f’paġna 98 et seq. tal-atti proċesswali, jingħad li dawn kienu estratti mill-uffiċjali tekniċi tas-Sezzjoni tas-Cyber Crime Unit daqskemm ukoll analizzati u vverifikati minn informazzjoni mibgħuta mill-kumpanija GO plc u l-kumpanija Facebook. Ikun għalhekk isegwi li din il-prova tikkostitwixxi prova sikura tal-kontenut ta’ dawn il-messaġġi. U huwa ndubitat kif il-kontenut ta’ dawn il-messaġġi kien inġurjuż daqskemm vulgari. Hemm ukoll theddid miktub bil-mewt u dan f’iktar minn okkażjoni waħda.

69. Dan iwassal għall-konklużjoni li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment li tqis dan l-użu li sar minn network bħala użu mhux xieraq u l-kontenut ta’ dawk il-messaġġi bħala inġurjuż u ta’ theddida bi ksur allura tal-Artikolu 49(a)(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.

70. Għaldaqstant, l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravji qiegħdin jiġu miċħuda.

**Kunsiderazzjonijiet marbuta mal-piena meritu tar-raba’ aggravju tal-appellant.**

71. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f’materja ta’ appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita’ li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t’Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone’s Criminal Practice 2004 (supra):

> “The phrase ‘wrong in principle or manifestly excessive’ has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal’s general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, ‘This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges’ (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: ‘...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.”
>
> Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase ‘wrong in principle’. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to ‘wrong in principle’) words to the effect that the sentence was ‘excessive’ or ‘manifestly excessive’. This does not, however, cast any doubt on Channell J’s dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.” This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

72. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal- aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta’ Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta’ appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l- appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

73. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista’ tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil- prinċipju wara l-emanazzjoni ta’ dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta’ sindakabilita tal- piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun

tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u dan mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

74. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċizzju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

75. Magħmula s-suesposti kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-piena mposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' multa fil-valur ta' tliet elef Ewro (€3000) hija multa li tirrientra fil-parametri tal-piena preskritta għar-reati li tagħhom instab ħati. In oltre minn ħarsa lejn il-piena li jġorru dawn ir-reati, fejn il-piena taf tilħaq massimu ta' tlieta u għoxrin elf mitejn tlieta u disgħin euro tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew terminu ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iktar minn erba' snin jew it-tnejn flimkien. Il-piena ikkontemplata fl-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta tista' tilħaq sa massimu ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000). B'hekk il-piena ta' tliet elef euro mhix waħda manifestament sproporzjonata.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tiċħad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**